MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 173/2010

A B

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni estramatrimonjali bejniethom, liema relazzjoni giet terminata zmien ilu, u minnha twieled il-minuri H maghruf bhala H B, illi llum ghandu hames (5) snin skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid Relattiv, illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. RG1**;

2. Illi nhar it-30 ta' Jannar 2008 il-partijiet kienu ffirmaw Skrittura Privata illi kellha tirregola l-kwistjoni ta'

kura, kustodja, access u manteniment ghall-minuri. Din l-iSkrittura effettivament giet degretata minn dina l-Onorabbli Qorti preseduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri nhar it-8 ta' Mejju 2008. Kopja Legali ta' l-imsemmija Skrittura flimkien mad-Digriet relattiv qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. RG2**;

3. Illi permezz ta' l-imsemmija Skrittura, il-partijiet qablu illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata konguntivament bejniethom, b'dan illi r-residenza ordinarja tal-minuri tkun mal-konvenuta, filwaqt illi l-attur ikollu access fiss ghall-istess minuri nhar ta' Erbgha bejn il-5.00 p.m. u t-8.00 p.m.; f'Jum il-Missier u fil-*Birthday* ta' l-attur bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m.; u fil-festi pubblici ill jinzertaw matul il-gimgha, darba iva u darba le, bejn l-10.00 a.m. u l-4.00 p.m.;

4. Illi minkejja dak stipulat fl-imsemmija Skrittura, il-konvenuta ghal kwazi sentejn shah (hlief sa ricenement meta l-attur intavolat l-proceduri ta' Medjazzjoni relattivi), *di sua sponte,* taghti access lill-attur ghall-minuri ukoll fil-*weekend*, l-ewwel gimgha mill-Gimgha fil-5.00 p.m. sas-Sibt fit-8.00 p.m., u l-gimgha ta' wara mis-Sibt f'12.00 p.m. sal-Hadd fis-6.00 p.m., u hekk b'mod alternattiv minn gimgha ghal gimgha. Meta l-attur intavola l-proceduri ta' Medjazzjoni relattivi, il-konvenuta mbaghad naqqset il-hinijiet ta' access ta' l-attur ghall-minuri tul il-*weekend* kif gej: l-ewwel gimgha mill-Gimgha bejn il-5.00 p.m. u s-Sibt sas-6.00 p.m., u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fl-4.00 p.m. sal-Hadd fis-6.00 p.m.;

5. Illi sussegwentement ghad-Digriet tat-8 ta' Mejju 2008, l-attur sar jaf b'diversi cirkostanzi dwar il-mod u l-ambjent illi fih il-konvenuta qieghda trabbi lill-minuri, illi xejn ma jawguraw ghall-ahjar interessi ta' l-istess minuri, u dana skond ma ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

6. Illi in vista ta' dawn ic-cirkostanzi godda, l-attur jemmen illi jkun fl-ahjar interessi tal-minuri illi jigu varjati l-kundizzjonijiet dwar il-kura, kustodja u access ta' l-istess minuri kif pattwiti bejn il-partijiet permezz ta' l-iSkrittura

Privata relattiva, b'dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri H maghruf bhala B tigi fdata unikament lill-attur, illi mieghu il-minuri ghandu wkoll jirrisjedi b'dan illi l-konvenuta jkollha hinijiet ta' access fiss. Jekk dina l-Onorabbli Qorti tqis illi dan mhux possibli jew desiderabbli, allura l-attur jemmen illi jkun ta' gid ghall-minuri ibnu illi ta' l-inqas jizdiedu l-hinijiet ta' access illi l-attur ghandu skond l-iSkrittura Privata [**Dok. RG2**]. Inoltre jkun jehtieg illi jigu varjati l-provvedimenti kontenuti fl-imsemmija Skrittura Privata dwar il-manteniment dovut mill-attur ghal ibnu minuri, sabiex dawn jirriflettu s-sitwazzjoni l-gdida f'kaz illi t-talbiet attrici dwar ir-residenza tal-minuri u/jew l-access ghall-istess, jigu milqugha;

7. Illi saru proceduri ta' Medjazzjoni [Medjazzjoni Numru 1268/2009/RFV] dwar dina l-kwistjoni izda dawn gew maghluqa nhar it-13 ta' April 2010 peress illi ma setax jintlahaq ftehim bejn il-partijiet, u kwindi l-attur gie awtorizzat illi jipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti li jgib in-Numru 503/2010, illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. RG3**;

8. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma lkoll a diretta konoxxenza ta' l-attur.

**A. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa n-nomina ta' dawk l-esperti illi jidhrilha xierqa jew opportuni, tvarja l-Klawsoli kontenuti fl-iSkrittura Privata datata 30 ta' Jannar 2008, u degretata minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Mejju 2008 kull fejn dawn jirrigwardaw il-kura, kustodja, access u occorrendo, il-manteniment ghall-minuri H maghruf bhala H B, u dana fl-ahjar interess tal-minuri;

Talab in vista ta' dak kollu fuq premess, li l-konvenuta jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Previa n-nomina ta’ dawk l-esperti illi jidhrilha xierqa jew opportuni, fosthom Avukat tat-Tfal u/jew psikologu, fl-ahjar interess tal-minuri H maghruf bhala H B, tvarja l-Klawsoli kontenuti fl-iSkrittura Privata datata 30 ta’ Jannar 2008, u degretata minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta’ Mejju 2008 [**Dok. RG2**] billi:

i. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri H maghruf bhala H B esklussivament f’idejn l-attur u konsegwentement tordna illi:

a. Il-Klawsola numru 1 ta’ l-iSkrittura relattiva tigi mhassra u sostitwita bis-segwenti:-

*“Il-kura u kustodja legali tat-tifel H B hija fdata esklussivament f’idejn il-komparenti A B, filwaqt illi dawk id-decizjonijiet illi jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha ta’ l-istess tifel minuri ghandhom jittiehdu konguntivament bejn il-partijiet, salv dejjem is-setghat tal-Qorti kompetenti f’kaz ta’ kunflitt bejn l-istess partijiet. Inoltre f’kazijiet urgenti illi ma jkunux jistghu jigu posposti, u dejjem dment illi dik il-parti tkun ipprovat tikkomunika mal-parti l-ohra izda dan ma kienx possibbli, kull parti jkollha l-jedd illi meta t-tifel ikun fil-kura taghha, tiehu wahedha decizjonijiet fl-interess tat-tifel, b’dan illi hija ghandha tinforma lill-parti l-ohra b’tali decizjoni illi tkun ittiehdet, minghajr dewmien”;*

b. Il-Klawsola numru 2 ta’ l-iSkrittura relattiva tigi mhassra u sostitwita bis-segwenti:-

*“It-tifel minuri H ghandu jirrisjedi mal-komparenti A B”;*

c. Tiffissa hinijiet ta’ access fissi ghall-minuri da parti tal-konvenuta, taht dawk il-kundizzjonijiet u b’dawk il-modalitajiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fl-ahjar interess tal-minuri;

ii. Konsegwentement ghall-ewwel talba, u f’kaz illi dina tigi milqugha b’dan illi allura l-minuri ikun qieghed jrrisjedi ma’ l-attur, tirrevoka l-obbligu ta’ l-attur illi

jhallas manteniment lill-konvenuta ghall-minuri, u konsegwentement tordna illi l-Klawsola 9 ta' l-iSkrittura relattiva tigi mhassra u varjata b'dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa dwar il-manteniment fiss illi l-konvenuta ghanda thallas favur binha minuri f'kaz ta' dan il-bdil fic-cirkostanzi;

2. Minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, u unikament f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi l-kura u l-kustodja tal-minuri H maghruf bhala H B ghandha tibqa' fdata konguntivament f'idejn iz-zewg partijiet, b'dan illi l-istess minuri jibqa' jghix ordinarjament mal-konvenuta, tordna illi l-iSkrittura Privata datata 30 ta' Jannar 2008 u degretata minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Mejju 2008 tigi varjata fis-sens illi l-Klawsola 2 tigi mhassra u sostitwita bis-segwenti:-

*"It-tifel minuri H ghandu jirrisjedi mal-komparenti C D, b'dan illi l-komparenti A B ghandu jkollu access ghat-tifel minuri kif ser jinghad:-*

- *Nhar ta' Erbgha bejn il-5.00 p.m. u t-8.00 p.m;*

- *Fil-weekend: l-ewwel gimgha mill-Gimgha fil-5.00 p.m. sal-Hadd fis-6.00 p.m., u t-tieni gimgha mill-Gimgha fil-5.00 p.m. sas-Sibt fit-8.00 p.m., u hekk b'mod alternattiv minn gimgha ghall-ohra;*

- *F'Jum il-Missier u fil-Birthday ta' l-attur mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m.;*

- *Fil-festi pubblici illi jinzertaw matul il-gimgha, darba iva u darba le, minn lejliet il-festa fil-5.00 p.m. sa l-ghada (ossija l-jum tal-festa) fis-6.00 p.m."*

Bl-ispejjez, inkluz l-ispejjez tal-proceduri ta' Medjazzjoni bejn il-partijiet, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur ;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta mis-smiegh u it-trattazzjoni ta' din il-kawza;
2. Illi din il-kawza kif proposta hi ghal kollox vessatorja u dana stante illi il-mertu gia gie ampjament ezawrit fl-istadju ta' medjazzjoni u l-fatti ma nbidlux;
3. Illi dwar l-ewwel t-talba ta' l-attur illi il-kura u kustodja tal-minuri H tigi fdata esklussivament lilu u li l-minuri jirrisjedi mieghu din ghandha tigi michuda u dana ghar-ragunijiet gia citati fiz-zewg rapporti tas-social worker Therese Micallef liema rapporti ikkonfermaw illi ma hemm ebda raguni illi il-modalitajiet ta' kura u kustodja u access ghandhom jigu varjati;
4. Illi dwar it-tieni talba din ghandha tigi ukoll respinta ghar-ragunijiet sureferiti;
5. Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza  thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-kura u l-kustodja tal-minuri H B, tant li l-istess attur filwaqt li jitlob il-kura u l-kustodja tal-istess imsemmi minuri b'access ezercitabbli mill-intimata, jitlob ukoll b'mod sussidjarju li f'kaz li din il-Qorti ma tilqax it-talba tieghu ghall-kura u l-kustodja tal-minuri b'mod esklussiv u konsegwentement tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri

ghandha tibqa' kongunta bejn il-partijiet, allura l-access ezercitabbli minnu ghandu jkun amplifikat bil-mod mitlub minnu fir-rikors promotur.

Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li kawzi bhal ma hija dik prezenti ghandhom jigu decizi abbazi tal-principju generali tal-ahjar interessi tal-minuri.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Jirrizulta li l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha nhar is-16 ta' Marzu 2005 twieled il-minuri H B[1]. Sussegwentement il-partijiet waslu ghal ftehim bonarju dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri u d-drittijiet u l-obbligi naxxenti mill-istess, tant li l-istess ftehim[2] gie inkorporat f'digriet moghti minn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta u datat it-8 ta' Mejju 2008. Irid jigi precizat li *ai termini* ta' dan il-ftehim li sussegwentement gie konvertit f'digriet, il-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tkun wahda konguntiva b'dan illi l-istess minuri ghandu jirrisjedi mal-omm filwaqt li l-missier ikollu access kif stipulat fl-istess ftehim. Gie miftiehem ukoll (fost klawsoli ohra) li l-missier ghandu jhallas is-somma ta' Lm40 fix-xahar pagabbli kull l-ewwel Gimgha tax-xahar bhala manteniment ghall-istess minuri. Minkejja tali ftehim, l-attur jirrileva li kien hemm bdil fic-cirkustanzi li jaghtu lok ghal tibdil fid-digriet imsemmi izda tali allegazzjoni hija totalment respinta mill-intimata li min-naha taghha tghid li l-kawza odjerna hija totalment vessatorja ghaliex il-mertu gie ampjament ezawrit fl-istadju ta' medjazzjoni. Ghalhekk il-Qorti trid necessarjament tiehu d-decizjoni taghha abbazi tal-provi migjuba quddiemha izda fuq kollox dwar fuq x'inhu fl-ahjar interessi tal-minuri.

Il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tas-*social worker* Therese Micallef datat it-18 ta' Mejju 2007[3] fejn wara li hadet il-verzjoni taz-zewg partijiet u kellmet ukoll lin-nanniet kemm paterni kif ukoll materni tal-minuri, irrakkomandat li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha

[1] Ara c-certifikat tat-twelid tal-minuri esebit a fol 7 tal-process
[2] Esebit permezz ta' nota konguntiva a fol 9 tal-process
[3] Esebit a fol 26 tal-process

tkun wahda kongunta b'dan li l-minuri ghandu jghix mal-omm filwaqt li l-missier ikollu access ghall-minuri skond kif indikat fl-istess rapport.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghar-rapport iehor datat is-26 ta' Frar 2010 u li permezz tieghu l-istess *social worker* Therese Micallef inghatat l-inkarigu sabiex terga' tirrileta dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri u fuq kollox sabiex tisma' lill-istess minuri. Wara diversi laqghat u intervisti, fosthom dik li rat lill-minuri fl-ambjent tieghu anke mal-kugin tieghu, waslet ghar-rakkomandazzjoni li l-kura u l-kustodja tal-minuri kif ukoll l-access ghall-istess ghandu jibqa' kif kien miftiehem fuq l-iskrittura privata tat-8 ta' Mejju 2008 (u ċioe' d-Digriet li permezz tieghu l-ftehim imsemmi gie konvertit f'digriet).

Illi il-Qorti ghandha quddiemha wkoll dokumentazzjoni li permezz taghha l-intimata turi li prelinarjament m'ghandha ebda *mental disorder*[4] kif jallega l-attur u li ghandha hajja stabbli, b'xoghol li taghmlu b'mod sodisfacenti[5]. Dawn id-dokumenti huma kuntrastati bil-qawwa mix-xhieda tal-attur li jikkontendi li l-intimata qatt ma kienet kapaci tiehu hsieb il-familja[6] u kienet tghajjat mal-minuri jekk iqum kmieni ghaliex kienet tkun trid torqod aktar. L-attur isemmi episodju fejn sahansitra, waqt li allegatament l-intimata kienet rieqda, l-minuri hareg barra hdejn il-*pool* tal-genituri taghha u dan b'perikolu ovvju ghall-istess minuri. L-attur isostni wkoll li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li jkun fdat bil-kura u l-kustodja tieghu *stante* li l-intimata ommu ghandha relazzjoni ma' terz li ghandu problemi tad-droga. Izda il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tas-*social worker* imsemmi aktar 'il fuq datat is-26 ta' Frar 2010, fejn gie ikkonfermat da parti tal-*councellors* minn Caritas li dan il-guvni ghamel b'success il-programm ta' riabilitazzjoni u ghadu jmur ghas-*sessions* b'mod volontarju u li ghalhekk ghandu kull motivazzjoni biex jibqa' *clean*. Il-Qorti tirrileva li l-fatt li dan il-guvni huwa *clean*, spicca l-programm b'success, meta spiccah kien *clean* u qieghed imur ghas-*sessions* b'mod volontarju zgur li ma jistax jinghad li l-

[4] Ara c-certifikat mahrug minn Dr. Mark Xuereb datat it-3 ta' Novembru 2009
[5] Ara l-ittra datata l-4 ta' Settembru 2009 mahruga mill-Inspire a fol 41 tal-process
[6] Ara l-affidavit tal-attur a fol 44 tal-process

minuri qieghed f'xi forma ta' perikolu. Irid mill-ewwel jinghad li f'kaz li dan it-terz ma jibqax *clean* allura l-bizghat tal-attur f'dak il-kaz ikunu fondati izda l-passat forsi ftit ikrah ta' dan it-terz li mieghu l-intimata ghandha relazzjoni m'ghandux necessarjament iwassal ghal konkluzjonijiet affrettati ghaliex jidher car li huwa rranga ghall-izbalji tieghu u rrimedja bl-ahjar mod li seta'.

L-attur jallega wkoll li l-intimata tiehu lill-minuri gewwa 'Il-Barus' fiz-Zejtun u li l-minuri qed ikun espost ghal certu nies li mhux tal-affari taghhom u li jdum barra sas-sieghat ta' bil-lejl. Dan tikkoraborah il-*partner* tal-attur meta tiddikjara li l-minuri jghidilha hu stess li jmur 'Il-Barus' fiz-Zejtun m'ommu[7]. L-attur jallega wkoll li l-intimata ghadha titraskura lil binha u ma trabbiehx kif ghandha trabbieh. Barra minn hekk, jghid li ghand il-genituri taghha fejn prezentement jghix it-tifel, mhux addatat. L-istess attur jghid li min-naha tieghu jista' joffri ambjent u hajja ahjar ghall-minuri.

Min-naha taghha l-intimata tghid li qieghda ssegwi kors fl-MCAST u tesebixxi wkoll rizultati tal-ezamijiet taghha.

Fix-xhieda taghha in ezami, s-*social worker* terga' tikkonferma l-preokupazzjoni li l-minuri jghajjat lill-*partner* tal-attur bhala 'mama' u terga' tirrileva li dan jista' facilment johloq xi forma ta' tahwid fit-tifel stess, imma apparti minn hekk, ma tara xejn li seta' jwassalha biex tirrakkomanda li s-sitwazzjoni bejn il-partijiet tigi mibdula ghaliex "***it-tifel kien imdorri b'dik is-sistema u kien dara.***"[8]. L-istess xhud tiddikjara li l-minuri ghandu relazzjoni tajba maz-zewg genituri u zzid tghid li ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tal-intimata, ma rrizultalha xejn.

Il-Qorti tinnota wkoll li mix-xhieda tal-istess *social worker* jirrizulta li x-xewqa tal-minuri hi li jibqa' jghix ma' ommu izda xorta jixtieq jara lil missieru u jzomm kuntatt mieghu[9].

---

[7] Ara l-affidavit ta' Gabriella Zammit esebit a fol 85 tal-process
[8] Ara a fol 21 tal-process
[9] Ara a fol 25 tal-process

Jigi rilevat li din hija attitudni normali tat-tfal li f’kazijiet normali jkunu jhobbu u jridu jaraw liz-zewg genituri.

Il-Qorti tirrileva li mill-provi migbura quddiemha, jirrizultaw xhieda kunfliggenti dwar l-idonjeta’ *o meno* tal-partijiet sabiex jiehdu hsieb u jrabbu lil dan il-minuri. F’kazijiet bhal dawn, il-Qorti trid tezamina l-fattispece partikolari tal-kaz biex b’hekk il-gudikant ikun f’qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic- certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita’ tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Bhala punt ta’ dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa’ assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David D noe** deciza nhar it-28 t’April 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn gie ritenut li:

“***Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika. Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo***”.

Il-Qorti allura trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita’ tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*). Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (ara l-kawza fl-ismijiet **Borg vs Bartolo**

deciza nhar il– 25 ta’ Gunju 1980 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)). Il-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f’mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta’ provi meqjusa fuq bilanc ta’ probabilitajiet (ara l-kawza fl-ismijiet **Caruana vs Laurenti** deciza nhar it-8 ta’ April 1994 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, il-kawza fl-ismijiet **Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib** deciza nhar is-17 ta’ Lulju 1981 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili kif ukoll il-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Petrococchino** deciza nhar il–25 ta’ Frar 1952 mill-Qorti tal-Appell Kummercjali).

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-25 t’April 2002 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili:-

*“***Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli***”*.

Fid-dawl tal-gurisprudenza citata kif ukoll mix-xhieda u l-evidenza migjuba quddiem din il-Qorti, din l-istess Qorti m’hijiex konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-intimata m’hijiex omm idoneja sabiex tieħu ħsieb u trabbi lill-minuri. Lanqas hi konvinta li l-missier m’huwiex idoneju sabiex irabbih izda tirrileva li rigward l-allegazzjonijiet reciproci li saru miz-zewg partijiet, l-ebda allegazzjoni ma giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi ad eccezzjoni ta’ dik li l-minuri jghajjat lill-partner tal-attur bhala ‘mama’. F’dan ir-rigward il-Qorti qieghda tiehu l-opportunita’ sabiex tikkonferma dik il-parti tar-rakkomandazzjoni tas-social worker fis-sens li l-minuri jigi spjegat lilu li huwa ghandu omm wahda u li ghandha tkun l-intimata biss li tissejjah ‘mama’ u hadd aktar.

Apparti l-konvinciment morali kif spjegat aktar 'il fuq, il-Qorti trid necessarjament tara li l-ahjar interessi tal-minuri huma salvagwardjati akkost ta' kollox u dan anke in vista tal-obbligazzjonijiet internazzjoni li din il-Qorti hija marbura bihom. Irid jigi rilevat f'dan l-istadju li x-xewqat tal-minuri gew prezentati lil din il-Qorti permezz tal-intervista li saret mis-*social worker* mal-minuri u ghalhekk, il-Qorti ghandha idea cara ta' x'inhuma x-xewqat tal-istess minuri. Kif dejjem jinghad, dan mhux necessarjament jirrifletti l-ahjar interessi tal-minuri u il-Qorti m'hijiex marbuta li tiddeciedi skond kif jixtieq l-istess minuri izda hija obbligata li tevalwa kollox u tiehu l-ahjar decizjoni fid-dawl tal-principju tal-ahjar interessi tal-istess minuri. F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **M. Bonnici vs Onor J. Raynaud**[10] fejn gie dikjarat li "**Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal**" kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Dr. V. Randon vs J. Randon**[11] u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino**[12] fejn gie ritenut li "**r-regola generali f'din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal**". Il-Qorti ma thossx li huwa l-kaz li tkompli tamplifika b'kazistika li jkomplu jaghtu sostenn lil dan l-argument stante li ma tezisti ebda kontestazzjoni dwar fuq x'hiex ghandha tkun bazata d-decizjoni tal-Qorti.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-principju tal-ahjar interessi tal-minuri jfisser ukoll li fil-hin li l-minuri ma jkunx ma xi wiehed jew wahda mil-genituri, ghandu jkun il-genitur l-iehor li jiehu precedenza fuq terzi persuni, anke jekk dawn it-terzi persuni jkunu n-nanniet tal-istess minuri, ghaliex kif qalet tajjeb il-Qorti Ingliza fil-kawza fl-ismijiet **Re K (D) (A Minor) (Ward: Termination of Access) (1998) AC**:

"***the best person to bring up a child is the natural parent. It matters not whether the parent is wise, foolish, rich or poor, educated or illiterate, provided***

[10] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[11] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972
[12] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 1972

***the child’s moral and physical health are not in danger***”.

Ghalhekk, fid-dawl ta’ dak citat, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-ewwel talba attrici izda tilqa’ t-tieni talba attrici b’dan illi tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri H B ghandha tibqa’ fdata konguntivament f’idejn iz-zewg partijiet b’dan illi l-minuri ghandu jghix mal-intimata ommu, tiffissa l-access ghall-attur hekk kif mitlub fit-tieni talba tiegħu u konsegwentement tilqa’ l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata ad eccezzjoni tat-tieni eccezzjoni, *stante* li fi kwistjonijiet ta’ natura ta’ kura u kustodja, l-mertu qatt ma jista’ jkun ezawrit.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------